VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19,268, 13 ta' Ġunju, 2014
Taqsima B

A.L. 204 tal-2014

ATT DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR TAL-IŻVILUPP (KAP. 504)

Regolamenti tal-2014 dwar l-Immaniġġjar tal-iSkart (Tagħmir Elettriku u Elettroniku)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 61 u 62 tal-Att dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp, il-Ministru għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u Tibdil fil-Klima, wara konsultazzjoni mal-Awtorità Maltija għall-Ambjent u l-Ippjanar, għamel ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2014 dwar l-Immaniġġjar tal-iSkart (Tagħmir Elettriku u Elettroniku).

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu li daħlu fis-seħħ fl-14 ta' Frar, 2014.

Ambitu.

2. (1) Dawn ir-regolamenti jġibu fis-seħħ id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2012/19/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar skart ta' tagħmir elettriku u elettroniku u li tħassar id-Direttiva 2002/96/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Jannar 2003.

(2) Dawn ir-regolamenti jistabbilixxu miżuri biex jipproteġu l-ambjent u s-saħħa tal-bniedem billi jipprevjenu jew inaqqsu l-impatti ħżiena tal-produzzjoni u l-immaniġġjar tal-iskart ta' tagħmir elettriku u elettroniku (WEEE) u billi jnaqqsu l-impatti globali tal-użu tar-riżorsi u jtejjbu l-effiċjenza ta' dan l-użu skont ir-regolament 2(2) u l-iSkeda 5 tar-Regolamenti dwar l-Iskart, u b'hekk jikkontrobwixxu għall-iżvilupp sostenibbli. L.S. 504.37

(3) Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw għat-tagħmir elettriku u elettroniku (EEE) kif ġej:

(a) mid-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti sal-14 ta' Awwissu 2018, bla ħsara għas-subregolament (1) tar-regolament 4, għal EEE li jaqa' fil-kategoriji stabbiliti fl-iSkeda 1. L-iSkeda 2 fiha lista indikattiva ta' EEE li jaqa' fi ħdan il-kategoriji stabbiliti fl-iSkeda 1;

(b) mill-15 ta' Awwissu 2018, bla ħsara għas-subregolamenti (1) u (2) tar-regolament 4, għall-EEE kollu. L-

EEE għandu jkun ikklassifikat fi ħdan il-kategoriji stabbiliti fl-iSkeda 3. L-iSkeda 4 fiha lista mhux eżawrjenti ta' EEE li jaqgħu fil-kategoriji stabbilti fl-iSkeda 3 (ambitu wiesa').

Tifsir.

3. (1) F'dawn ir-regolamenti, sakemm il-kuntest ma jeħtieġx mod ieħor:

Kap. 504.

"l-Att" tfisser l-Att dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp;

"l-awtorità kompetenti" għandha l-istess tifsira bħal "l-awtorità" definita fl-artikolu 2 tal-Att;

"id-Direttiva" tfisser id-Direttiva 2012/19/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar skart ta' tagħmir elettriku u elettroniku u li tħassar id-Direttiva 2002/96/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Jannar 2003

"id-disponibilità ta' prodott fis-suq" tfisser il-forniment ta' prodott għad-distribuzzjoni, konsum jew użu fis-suq f'Malta fil-kors ta' attività kummerċjali, kemm jekk għall-korrispettiv ta' ħlas kif ukoll jekk b'xejn;

"distributur" tfisser kull persuna fiżika jew legali fil-katina tal-forniment, li tpoġġi EEE disponibbli fis-suq. Din it-tifsira ma tillimitax li distributur ikun, fl-istess ħin, produttur fi ħdan it-tifsira tat-terminu "produttur";

"ftehim" tfisser il-ftehim formali konklużż bejn l-awtorità kompetenti u l-operaturi ekonomiċi kkonċernati, li għandu jkun miftuħ għall-imsieħba kollha li jixtiequ jikkonformaw mal-kundizzjonijiet tal-ftehim biex jilħqu l-objettivi ta' dawn ir-regolamenti;

"ftehim ta' finanzjament" tfisser kwalunkwe self, lokazzjoni, kiri jew ftehim jew arranġament ta' bejgħ iddiferit relatat ma' kwalunkwe tagħmir kemm jekk it-termini ta' dak il-ftehim jew arranġament jew kull ftehim jew arranġament kollaterali jipprovdu li trasferiment ta' sjieda ta' dak it-tagħmir ser iseħħ jew jista' jseħħ, kif ukoll jekk le;

"il-Komunità" tfisser il-Komunità Ewropea;

"makkinarju mobbli mhux tat-triq" tfisser makkinarju, b'sors ta' enerġija abbord, li t-tħaddim tiegħu jeħtieġ jew mobilità jew moviment kontinwu jew semikontinwu bejn serje ta' postijiet ta' xogħol fissi waqt it-tħaddim;

"il-Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għall-ambjent;

"għodda industrijali stazzjonarja fuq skala kbira" tfisser montatura ta' magni, tagħmir uj, jew komponenti fuq skala kbira, li jaħdmu flimkien għal applikazzjoni speċifika, li jiġu stallati u żarmati minn professjonisti f'post partikolari, u li jintużaw u jiġu miżmuma minn professjonisti f'faċilità ta' manifattura industrijali jew f'faċilità ta' riċerka u żvilupp;

"produttur" tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew legali, irrispettivament mit-teknika ta' bejgħ użata, inkluż komunikazzjoni minn distanza kif imfissra fir-Regolamenti dwar Bejgħ mill-Bogħod:

(a) huwa stabbilit f'Malta u jimmanifattura EEE taħt ismu stess jew il-marka kummerċjali tiegħu, jew għandu EEE ddisinjat jew immanifatturat u jpoġġih fis-suq taħt ismu jew il-marka kummerċjali tiegħu fit-territorju ta Malta;

(b) huwa stabbilit f'Malta u jbigħ mill-ġdid fit-territorju ta' Malta, taħt ismu jew il-marka kummerċjali tiegħu, tagħmir prodott minn fornituri oħra; bejjiegħ mill-ġdid mhux meqjus bħala l-"produttur" jekk id-ditta tal-produttur tidher fuq it-tagħmir kif previst fil-paragrafu (a);

(ċ) huwa stabbilit f'Malta u jqiegħed fis-suq ta' Malta, fuq bażi professjonali, EEE minn pajjż terz jew minn Stat Membru ieħor tal-UE;

(d) ibigħ EEE permezz ta' komunikazzjoni minn distanza direttament lil djar privati jew lil utenti oħra għajr id-djar privati f'Malta u huwa stabbilit fi Stat ieħor tal-UE jew pajjiż terz.

Kull min jipprovdi finanzjament b'mod esklussiv taħt jew skont kwalunkwe ftehim ta' finanzjament ma jitqiesx li huwa "produttur" sakemm ma jaġixxix ukoll bħala produttur fi ħdan it-tifsira tal-paragrafi (a) sa (d);

"skart ta' tagħmir elettriku u elettroniku" jew "WEEE" tfisser skart ta' tagħmir elettriku u elettroniku li huwa skart kif imfisser fir-regolament 4 tar-Regolamenti dwar l-Iskart, inkluż il-komponenti, sottoassemblaġġi u l-oġġetti tal-konsum kollha li huma parti mill-prodott fil-ħin li jintrema'; L.S. 504.37

"stallazzjoni fissa fuq skala kbira" tfisser kombinament fuq skala kbira ta' diversi tipi ta' apparat u, fejn applikabbli, tagħmir ieħor, li:

(a) huwa immuntat, istallat u żarmat minn professjonisti;

(b) huwa maħsub biex jintuża b'mod permanenti bħala parti minn bini jew struttura f'post predefinit u dedikat; u

(ċ) jista' biss jinbidel bl-istess tagħmir iddisinjat b'mod speċifiku;

"tagħmir elettriku u elettroniku" jew "EEE" tfisser tagħmir li huwa dipendenti fuq il-kurrent elettriku jew kampijiet elettromanjetiċi biex jaħdem kif xieraq u tagħmir għall-produzzjoni, it-trasferiment u l-kejl ta' dawn il-kurrenti u ddisinjat għall-użu bi klassifikazzjoni tal-vultaġġ li ma taqbiżx l-1,000 Volt għall-kurrent li jalterna u 1,500 Volt għall-kurrent dirett;

"tagħmir mediku" tfisser tagħmir jew aċċessorju mediku kif
L.S. 427.44 imfisser fir-regolament 3 tar-Regolamenti dwar Tagħmir Mediku, li jirrigwarda tagħmir mediku li huwa EEE;

"tagħmir mediku attiv impjantabbli" tfisser tagħmir mediku
L.S. 427.10 attiv impjantabbli kif imfisser fir-regolament 3 tar-Regolamenti dwar Tagħmir Mediku Attiv li jista' jkun Impjantat, fir-rigward ta' tagħmir mediku impjantabbli li huwa EEE;

L.S. 427.16 "tagħmir mediku dijanjostiku *in vitro*" tfisser apparat jew aċċessorju dijanjostiku *in vitro* kif imfisser fir-regolament 3.1.3 u 3.1.4 tar-Regolamenti dwar Tagħmir Mediku Dijanjostiku *In Vitro*, li huwa EEE;

"tneħħija" tfisser l-immaniġġjar manwali, mekkaniku, kimiku jew metallurġiku bir-riżultat li sustanzi, taħlit u komponenti perikoluż jinżammu fi fluss identifikabbli jew huma parti identifikabbli minn fluss fi ħdan il-proċess ta' trattament. Sustanza, taħlita jew komponent huma identifikabbli jekk ikun jista' jsir monitoraġġ nfuqhom biex jiġi vverifikat it-trattament ambjentalment sikur;

"it-tqegħid fis-suq" tfisser id-disponibilità ta' prodott fis-suq fit-territorju ta' Malta fuq bażi professjonali;

"WEEE minn djar privati" tfisser WEEE li ġej minn djar privati u WEEE li ġej minn sorsi kummerċjali, industrijali, istituzzjonali u oħrajn, li minħabba fin-natura u l-kwantità tiegħu, huwa simili għal dak minn dar privati. Skart minn EEE li probabbilment jintuża kemm minn djar privati kif ukoll minn utenti oħra barra d-dajr privati, jitqies f'kull każ li huwa WEEE minn djar privati.

(2) It-termini kollha l-oħra, inkluż it-tifsiriet ta' "skart perikoluż", "ġbir", "ġbir separat", "prevenzjoni", "użu mill-ġdid", "trattament", "irkupru", "preparazzjoni għall-użu mill-ġdid", "riċiklaġġ" u "rimi" ikollhom l-istess tifsira bħal dik mogħtija lilhom fir-regolament 4 tar-Regolamenti dwar l-Iskart. L.S. 504.37

Applikabilità.

4. (1) Dawn ir-regolamenti ma japplikawx għal kwalunkwe mill-EEE li ġej:

(a) tagħmir li huwa neċessarju għall-protezzjoni tal-interessi essenzjali tas-sigurtà, inklużi l-armi, l-munizzjon u materjal tal-gwerra maħsub għal skopijiet militari speċifiċi;

(b) tagħmir li huwa ddisinjat u installat b'mod speċifiku bħala parti minn tip ieħor ta' tagħmir li huwa eskluż minn jew ma jaqax fi ħdan l-ambitu ta' dawn ir-regolamenti, li jista' jissodisfa l-funzjoni tiegħu biss jekk ikun parti minn dak it-tagħmir;

(ċ) bozoz bil-filament.

(2) B'żieda mat-tagħmir speċifikat fis-subregolament (1), mill-15 t'Awwissu 2018, dawn ir-regolamenti ma japplikawx għall-EEE li ġej:

(a) tagħmir iddisinjat biex jintbagħat fl-ispazju;

(b) għodod industrijali stazzjonarji fuq skala kbira;

(ċ) stallazzjonijiet fissi fuq skala kbira, ħlief kull tagħmir li mhuwiex iddisinjat u installat b'mod speċifiku bħala parti minn dawk l-istallazzjonijiet;

(d) mezzi ta' trasport għal persuni u oġġetti, eskluži vetturi elettriċi li jingranaw fuq żewġ roti li mhumiex tat-tip approvat;

(e) makkinarju mobbli mhux tat-triq li jsir disponibbli esklussivament għall-użu professjonali;

(f) tagħmir iddisinjat b'mod speċifiku għall-iskopijiet ta' riċerka u żvilupp li jsir disponibbli biss fuq bażi ta' negozju għal ieħor;

(g) tagħmir mediku u tagħmir mediku dijanjostiku *in vitro*, fejn tagħmir bħal dan huwa mistenni li jkun infettiv qabel it-tmiem tal-ħajja u tagħmir mediku attiv impjantabbli.

(3) Dawn ir-regolamenti japplikaw mingħajr preġudizzju għall-ħtiġiet tal-leġislazzjoni tal-Unjoni dwar is-saħħa u s-sigurtà, dwar sustanzi kimiċi, b'mod partikolari r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-Reġistrazzjoni, l-Evalwazzjoni, l-Awtorizzazzjoni u r-Restrizzjoni ta' Sustanzi Kimiċi (REACH), li jistabbilixxi Aġenzija tas-Sustanzi Kimiċi Ewropea*, kif ukoll leġislazzjoni speċifika tal-Unjoni dwar l-immaniġġjar tal-iskart jew id-disinn tal-prodotti.

Ġbir separat.

5. (1) L-awtorità kompetenti għandha tadotta l-miżuri xierqa biex tnaqqas ir-rimi ta' WEEE fil-forma ta' skart muniċipali mhux separat, biex tiżgura t-trattament korrett tal-WEEE kollu miġbur u biex tikseb livell għoli ta' ġbir separat tal-WEEE, l-aktar, u bħala prijorità, għal tagħmir ta' skambju ta' temperatura li fih sustanzi li jnaqqsu s-saff tal-ożonu u gassijiet fluworurati b'effett serra, lampi fluworexxenti li fihom il-merkurju, pannelli fotovoltajċi u tagħmir żgħir imsemmi fil-kategoriji 5 u 6 tal-Iskeda 3. Dawn il-miżuri għandhom jinkludu dan li ġej:

(a) kwalunkwe persuna li tiddisponi mill-WEEE fil-forma ta' skart muniċipali mhux isseparat tista' tiġi mmultata skont Skeda ta' Multi li għandha tiġi ppubblikata mill-awtorità kompetenti:

(b) produtturi, rappreżentanti awtorizzati u partijiet terzi jeħtieġu li jwettqu kampanji ta' informazzjoni li jiġbdu l-attenzjoni dwar l-improtanza tal-ġbir ta' WEEE, bl-iżgurar tat-trattament korrett tal-WEEE kollu miġbur;

(ċ) l-awtorità kompetenti għandha tiżgura d-disponibilità u l-aċċessibilità tal-faċilitajiet ta' ġbir meħtieġa, filwaqt li tqis, b'mod partikolari, id-densità tal-popolazzjoni, liema miżuri jinkludu d-disponibilità ta' siti ta' kumdità ċivika.

(2) Għall-WEEE minn djar privati, il-produtturi, rappreżentanti awtorizzati jew partijiet terzi għandom jiżguraw li:

(a) is-sistemi jitwaqqfu billi d-detenturi u d-distributuri finali jitħallew jirritornaw dan l-iskart, għall-anqas mingħajr ħlas;

(b) fil-forniment ta' prodott ġdid, id-distributuri huma responsabbli li jiżguraw li dan l-iskart ikun jista' jiġi rritornat lid-distributur għall-anqas mingħajr ħlas fuq bażi ta' wieħed kull darba sakemm il-prodott ikun tat-tip ekwivalenti u jkun

* ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1.

issodisfa l-istess funzjonijiet bħall-prodott fornut;

(ċ) id-distributuri jipprovdu għall-ġbir, fi ħwienet ta' bejgħ bl-imnut bi spazju ta' bejgħ relatat mal-EEE ta' mill-anqas 400m^2, jew fil-viċinanza immedjata, ta' WEEE żgħar ħafna (l-ebda dimensjoni esterna ta' aktar minn 25ċm) mingħajr ħlas għall-utenti aħħarin u bl-ebda obbligu biex jixtru EEE ta' tip ekwivalenti. L-WEEE miġbur għandu jkun trattat kif xieraq skont ir-regolament 8;

(d) mingħajr preġudizzju għall-paragrafi (a), (b) u (ċ), il-produtturi huma permessi jistabbilixxu u joperaw sistemi ta' ġbir ta' WEEE individwali u, jew kollettivi, minn djar privati sakemm dawn ikunu konformi mal-objettivi ta' dawn ir-regolamenti;

(e) wara li jiġu kkunsidrati l-i*standards* tas-saħħa u s-sigurtà, WEEE li huma ta' riskju għas-saħħa u s-sigurtà għall-persunal minħabba fil-kontaminazzjoni, jista' jiġi miċħud ir-ritorn tagħhom skont il-paragrafi (a), (b) u (ċ). L-aħħar detentur tal-WEEE għandu jagħmel arranġamenti speċifiċi għall-immaniġġjar sikur minn persunal għal WEEE bħal dan.

Rigward ir-ritorn tal-WEEE skont il-paragrafi (a), (b) u (ċ) għal każijiet li fihom il-prodott ma jkunx fih il-komponenti essenzjali tiegħu, jekk il-prodott ikun fih skart ieħor ħlief l-WEEE, ir-ritorn tiegħu jista' jiġi rifjutat.

(3) L-awtorità kompetenti tista' taħtar operaturi li huma permessi li jiġbru WEEE minn djar privati kif imsemmi fis-subregolament (2).

(4) WEEE li jintrema f'faċilitajiet ta' ġbir immexxija mill-Kunsilli Lokali, siti ta' kumdità ċivili jew minn kull aġenzija oħra ffinanzjata minn fondi pubbliċi għandu jintbagħat lil skema konformi mal-iskart ta' tagħmir elettriku jew elettroniku.

(5) Fil-każ ta' WEEE differenti minn WEEE minn djar privati, u mingħajr preġudizzju għar-regolament 13, il-produtturi jew partijiet terzi li jaġixxu f'isimhom għandhom jipprovdu għall-ġbir ta' dan l-iskart.

Ir-rimi u t-trasport tal-WEEE miġbur.

6. (1) L-awtorità kompetenti għandha tipprojbixxi r-rimi ta' WEEE miġbur b'mod separat li ma jkunx għadu ġie ttrattat skont ir-regolament 8.

(2) L-awtorità kompetenti għandha tiżgura li l-ġbir u t-trasport ta' WEEE miġbur b'mod separatament isir b'mod li jippermetti

kundizzjonijiet idejali għall-preparament tal-użu mill-ġdid, riċiklaġġ u l-għeluq ta' sustanza perikoluża.

Sabiex jiġi massimizzat il-preparament għall-użu mill-ġdid, l-awtorità kompetenti għandha tippromwovi li, qabel kwalunkwe trasferiment ieħor, l-iskemi jew faċilitajiet ta' ġbir jipprovdu, fejn xieraq, għas-separazzjoni fil-postijiet ta' ġbir tal-WEEE li għandu jiġi pperparat għall-użu mill-ġdid minn WEEE ieħor miġbur b'mod separat, b'mod partikolari billi jagħtu aċċess għall-persunal minn ċentri tal-użu mill-ġdid.

Ir-rata ta' ġbir.

7. (1) Mingħajr preġudizzju għar-regolament 5(1), l-awtorità kompetenti għandha tiżgura l-implimentazzjoni tal-prinċipju tar-"responsabilità tal-produttur" u, fuq dik il-bażi, li tinkiseb rata ta' ġbir minima kull sena. Il-produtturi u l-partijiet terzi li jaġixxu f'isimhom, għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji biex jiksbu l-għanijiet ta' ġbir minimu li ġejjin, li għandhom jiġu kkalkulati fuq il-bażi tal-piż totali tal-WEEE miġbur skont ir-regolamenti 5 u 6 f'sena partikolari f'Malta, espress bħala perċentwali tal-piż medju tal-EEE mqiegħed fis-suq fit-tliet snin preċedenti f'Malta, kif ġej:

(a) 42% għas-sena 2016;

(b) 45% għas-sena 2017;

(ċ) 50% għas-sena 2018;

(d) 55% għas-sena 2019;

(e) 60% għas-sena 2020; u

(f) 65% għas-sena 2021.

Sal-31 ta' Diċembru 2015, tkompli tapplika rata ta' ġbir separat ta' mill-anqas 4 kilogrammi bħala medja għal kull abitant, kull sena ta' WEEE minn djar privati jew l-istess ammont ta' piż ta' WEEE kif inġabar f'Malta bħala medja fit-tliet snin ta' qabel, bl-akbar ammont.

(2) Sabiex tistabbilixxi jekk inkisbitx ir-rata minima ta' ġbir, l-awtorità kompetenti għandha tiżgura li l-informazzjoni dwar l-WEEE li jinġabar b'mod separat skont ir-regolament 5, tingħata lill-awtorità kompetenti mingħajr ħlas, inkluża, mill-anqas, informazzjoni dwar WEEE li ġie:

(a) riċevut minn faċilitajiet ta' ġbir u trattament;

(b) riċevut mid-distributuri;

(ċ) miġbur b'mod separat mill-produtturi jew partijiet terzi li jaġixxu f'isimhom.

Trattament xieraq.

8. (1) L-awtorità kompetenti għandha tiżgura li l-WEEE kollu miġbur b'mod separat jgħaddi minn trattament xieraq.

(2) Trattament xieraq, ħlief il-preparament għall-użu mill-ġdid, u l-operazzjonijiet ta' rkupru u ta' riċiklaġġ għandhom , bħala minimu, jinkludu t-tneħħija tal-likwidi kollha u trattament selettiv skont l-iSkeda 7.

(3) L-awtorità kompetenti għandha tiżgura li l-produtturi jew partijiet terzi li jaġixxu f'isimhom iwaqqfu sistemi biex jipprovdu għall-ġbir tal-WEEE bl-użu tal-aħjar tekniki disponibbli. Is-sistemi jistgħu jitwaqqfu mill-produtturi jew rappreżentanti awtorizzati li jinħatru skont ir-regolament 17 b'mod individwali jew kollettiv.

L-awtorità kompetenti għandha tiżgura li kwalunkwe stabbiliment jew impriża li twettaq operazzjonijiet ta' ġbir jew trattament, taħżen u titratta l-WEEE b'konformità mar-rekwiżiti tekniċi stabbiliti fl-iSkeda 8.

(4) Għall-finijiet tal-protezzjoni ambjentali, l-awtorità kompetenti tista' twaqqaf *standards* ta' kwalità minimi għat-trattament tal-WEEE li jingħabar.

(5) L-awtorità kompetenti għandha tinkoraġġixxi l-istabbilimenti u l-impriżi li jwettqu operazzjonijiet biex jintroduċu sistemi ta' mmaniġġjar ambjentali ċertifikati skont ir-Regolament (KE) Nru 1221/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar il-parteċipazzjoni volontarja minn organizzazzjonijiet fi skema Komunitarja għall-immaniġġjar tal-ambjent u verifika (EMAS)*.

Permessi.

9. (1) L-awtorità kompetenti għandha tiżgura li kwalunkwe stabbiliment jew impriża li jwettqu operazzjonijiet ta' trattament jiksbu permess mill-awtoritajiet kompetenti skont ir-regolamenti 19 sa 24 tar-Regolamenti dwar l-Iskart. L.S. 504.37

(2) Eżenzjonijiet minn rekwiżiti ta' permess, kundizzjonijiet għall-eżenzjonijiet u reġistrazzjonijiet għandhom ikunu f'konformità, rispettivament, mar-regolamenti 26 u 27 tar-Regolamenti dwar l-Iskart. L.S. 504.37

(3) L-awtorità kompetenti għandha tiżgura li l-permess jew ir-reġistrazzjoni msemmija fis-subregolamenti (1) u (2) jinkludu l-

* ĠU L 342, 22.12.2009, p. 1.

kundizzjonijiet kollha neċessarji għall-konformità mar-rekwiżiti tar-regolament 8(2) u (3) u għall-ksib tal-għanijiet ta' ġbir stabbiliti fir-regolament 11.

Vjeġġi ta' WEEE.

10. (1) L-operazzjoni ta' trattament tista' wkoll issir barra minn Malta sakemm il-vjeġġi ta' WEEE jkunu f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1013/2006 u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1418/2007 tad-29 ta' Novembru 2007 dwar l-esportazzjoni għall-irkuprar ta' ċertu skart elenkat fl-Anness III jew IIIA tar-Regolament (KE) Nru 1013/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill għal ċerti pajjiżi li għalihom ma tapplikax id-Deċiżjoni tal-OECD dwar il-kontroll ta' movimenti ta' skart transkonfinali*.

(2) WEEE li jiġi esportat barra minn Malta jgħodd biss lejn it-twettiq ta' obbligi u għanijiet stabbiliti fir-regolament 11 jekk, f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1013/2006 u (KE) Nru 1418/2007, l-esportatur ikun jista' jipprovdi li t-trattament seħħ f'kundizzjonijiet ekwivalemti għall-ħtiġet ta' dawn ir-regolamenti.

Għanijiet ta' ġbir.

11. (1) Rigward l-WEEE miġbur b'mod separat skont ir-regolament 5 u mibgħut għat-trattament skont ir-regolamenti 8, 9 u 10, il-produtturi jew partijiet terzi li jaġixxu f'isimhom jew f'isem ir-rappreżentanti awtorizzati għandhom jiksbu l-għanijiet minimi stabbiliti fl-iSkeda 5.

(2) Il-ksib tal-għanijiet għandu jiġi kkalkulat, għal kull kategorija, billi jinqasam il-piż tal-WEEE li jidħol fil-faċilità tal-ġbir jew riċiklaġġ/preparazzjoni għall-użu mill-ġdid, wara trattament xieraq skont ir-regolament 8(2) rigward il-ġbir u r-riċiklaġġ, bil-piż tal-WEEE kollu miġbur b'mod separat għal kull kategorija, espress bħala perċentwali.

Attivitajiet preliminary, inkluż it-tqassim u l-ħażna qabel il-ġbir m għandhomx jgħoddu fil-ksib ta' dawn il-għanijiet.

(3) L-awtorità kompetenti għandha tiżgura li, għall-iskop li jiġu kkalkolati dawn l-għanijiet, il-produtturi jew partijiet terzi li jaġixxu f'isimhom jew f'isem ir-rappreżentanti awtorizzati jżommu *records* fuq il-piż tal-WEEE, il-komponenti tiegħu, materjali jew sustanzi meta jitlaq (*output*) mill-faċilità ta' ġbir, meta jidħol (*input*) u jitlaq minn (*output*) faċilitajiet ta' trattament u meta jidħol (*input*) fil-faċilità tal-ġbir jew riċiklaġġ/preparament għall-użu mill-ġdid.

L-awtorità kompetenti għandha tiżgura wkoll li jinżammu r-*records* fuq il-piż tal-prodotti u materjali meta jitilqu (*output*) mill-faċilità ta' ġbir jew riċiklaġġ/preparament għall-użu mill-ġdid.

---

* ĠU L 316, 4.12.2007, p. 6.

(4) L-awtorità kompetenti għandha tinkoraġġixxi l-iżvilupp ta' teknoloġiji ġodda ta' ġbir, riċiklaġġ u trattament.

Il-finanzjament fir-rigward tal-WEEE minn djar privati.

12. (1) Kull produttur jew rappreżentant awtorizzat maħtur skont ir-regolament 17 għandu jipprovdi għall-finanzjament tal-ġbir, it-trattament, l-irkuprar u r-rimi ambjentalment xieraq tal-WEEE minn djar privati li jintrema f'faċilitajiet ta' ġbir stabbiliti skont ir-regolament 5(2).

(2) Kull produttur jew rappreżentant awtorizzat maħtur skont ir-regolament 17 għandu jipprovdi wkoll għall-ispejjeż mill-ġbir tal-WEEE minn djar privati sal-faċilitajiet tal-ġbir tal-ammont relevanti ta' WEEE rritornat li ma jintremiex f'faċilità ta' ġbir magħżula, biex jintlaħqu l-għanijiet ta' ġbir stipulati.

(3) Għal prodotti mqiegħda fis-suq wara t-13 ta' Awwissu 2005, kull produttur jew rappreżentant awtorizzat ikun responsabbli għall-iffinanzjar tal-operazzjonijiet imsemmija fis-subregolament (1) dwar l-iskart mill-prodotti tiegħu stess. Il-produttur, inklużi r-rappreżentanti awtorizzati meta maħtura skont ir-regolament 17, jistgħu jgħażlu li jirrispettaw l-obbligi kollha individwalment jew billi jingħaqdu fi skema kollettiva.

Kull produttur jew rappreżentant awtorizzat għandu jipprovdi garanzija meta jqiegħed prodott fis-suq u juri li l-immaniġġjar tal-WEEE kollu ser jiġi ffinanzjat. Din il-garanzija tiżgura li l-operazzjonijiet imsemmija fis-subregolament (1) dwar dan il-prodott ikunu ffinanzjati. Il-garanzija tista' tieħu l-forma ta' parteċipazzjoni mill-produttur jew ir-rappreżentant awtorizzat fi skemi xierqa għall-iffinanzjar tal-immaniġġjar tal-WEEE, assigurazzjoni fuq ir-riċiklaġġ jew kont tal-bank miżmum.

(4) Ir-responsabilità għall-iffinanzjar tal-ispejjeż tal-immaniġġjar tal-WEEE minn prodotti mqiegħda fis-suq fit-13 ta' Awwissu 2005 jew qabel ("skart storiku") għandha tkun ta' sistema waħda jew aktar li għaliha/hom il-produtturi u r-rappreżentanti awtorizzati kollha li jeżistu fis-suq jikkontribwixxu b'mod proporzjonat meta jidhru l-ispejjeż rispettivi pereżempju bi proporzjoni għas-sehem rispettiv tagħhom tas-suq skont it-tip ta' makkinarju.

(5) L-awtorità kompetenti għandha tieħu l-miżuri neċessarji biex tiżgura li l-mekkaniżmi xierqa jew il-proċeduri ta' rifużjoni jiġu żviluppati għar-rimborż tal-kontribuzzjonijiet lill-produtturi jew ir-rappreżentanti awtorizzati, fejn l-EEE jiġi trasferit biex jitqiegħed fis-suq barra t-territorju ta' Malta. Mekkaniżmi jew proċeduri bħal dawn jistgħu jiġu żviluppati mill-produtturi jew partijiet terzi li jaġixxu

f'isimhom jew f'isem ir-rappreżentanti awtorizzati.

Il-finanzjament fir-rigward ta' WEEE minn utenti li m'humiex djar privati.

13. (1) Kull produttur jew rappreżentant awtorizzat maħtur skont ir-regolament 17 għandu jiffinanzja l-ispejjeż għall-ġbir, it-trattament, l-irkupr u r-rimi ambjentalment xieraq ta' WEEE minn utenti ħlief minn djar privati li jirriżulta minn prodotti mqiegħda fis-suq wara t-13 ta' Awwissu 2005.

Għal skart storiku li jinbidel bi prodotti ġodda ekwivalenti jew bi prodotti ġodda li jaqdu l-istess funzjoni, l-iffinanzjar tal-ispejjeż għandu jkun ipprovdut mill-produtturi għal dawk il-prodotti meta jfornuhom.

Għal skart storiku ieħor, il-finanzjament tal-ispejjeż ikun provdut mill-utenti li m'humiex djar privati.

(2) Produtturi u utenti li m'humiex djar privati jistgħu, mingħajr preġudizzju għal dawn ir-regolamenti, jikkonkludu ftehimiet li jistipulaw metodi oħrajn ta' finanzjament. L-awtorità kompetenti għandha tiġi infurmata jekk ftehimiet bħal dawn jiġu konklużi.

Informazzjoni għall-utenti.

14. (1) Produttur jew rappreżentant awtorizzat għandu jiżgura li l-utenti tal-EEE fid-djar privati jingħataw l-informazzjoni meħtieġa dwar:

(a) ir-rekwiżit li l-WEEE ma jintremiex bħala skart municipali mhux isseparat u biex WEEE ta' dan it-tip jingabar separatament;

(b) is-sistemi tar-ritorn u l-ġbir disponibbli għalihom, biex jinkoraġġixxu l-koordinazzjoni tal-informazzjoni dwar il-punti ta' ġbir disponibbli, irrispettivament mill-produtturi jew l-operaturi li stabbilewhom;

(ċ) ir-rwol fil-kontribuzzjoni għall-użu mill-ġdid, ir-riċiklaġġ u forom oħra ta' rkupru tal-WEEE;

(d) l-effetti potenzjali fuq l-ambjent u s-saħħa tal-bniedem bħala riżultat tal-preżenza ta' sustanzi perikolużi fl-EEE.

(2) Produttur jew rappreżentant awtorizzat għandu jiżgura li l-konsumaturi jipparteċipaw fil-ġbir tal-WEEE u jinkoraġġihom biex jiffaċilitaw il-proċess ta' użu mill-ġdid, trattament u rkuprar. Din l-informazzjoni tiġi pprovduta mill-produttur jew rappreżentant u, jew distributur awtorizzat pereżempju fl-istruzzjonijiet għall-użu, fil-post tal-bejgħ u permezz ta' kampanji ta' kuxjenza pubblika.

Informazzjoni għall-faċilitajiet ta' trattament.

15. Sabiex tiġi ffaċilitata l-preparazzjoni għall-użu mill-ġdid u t-trattament korrett u ambjentalment xieraq tal-WEEE, inkluż iż-żamma, it-titjib, ir-ristrutturar u r-riċiklaġġ, l-awtorità kompetenti għandha tieħu l-miżuri neċessarju biex tiżgura li l-produtturi jipprovdu informazzjoni b'xejn dwar il-preparazzjoni għall-użu mill-ġdid u t-trattament fir-rispett ta' kull tip ta' EEE ġdid imqiegħed għall-ewwel darba fis-suq tal-Unioni fi żmien sena wara li t-tagħmir jitqiegħed fis-suq. Din l-informazzjoni għandha tidentifika, sakemm tkun meħtieġa minn ċentri li jippreparaw għall-użu mill-ġdid u l-faċilitajiet tat-trattament u r-riċiklaġġ, sabiex jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, il-komponenti u l-materjali differenti tal-EEE, kif ukoll il-post tas-sustanzi u taħlitiet perikoluż fl-EEE. Isir disponibbli għal ċentri li jippreparaw għall-użu mill-ġdid u faċilitajiet ta' trattament u riċiklaġġ minn produtturi tal-EEE, fil-forma ta' manwali jew permezz ta' mezzi elettroniċi (e.ż. CD-ROM, servizzi *on-line*).

Reġistrazzjoni, informazzjoni u rappurtaġġ.

16. (1) L-awtorità kompetenti għandha, skont is-subregolament (2), tfassal u tagħmel disponibbli reġistru ta' produtturi, inklużi produtturi li jfornu EEE permezz ta' komunikazzjoni mill-bogħod. Dak ir-reġistru għandu jinkludi l-ġbir ta' informazzjoni, inklużi stimi sostanzjati, fuq bażi annwali, dwar il-kwantitajiet u l-kategoriji tal-EEE imqiegħed fis-suq, miġbur bil-mezzi kollha, ippreparat għall-użu mill-ġdid, riċiklat u rkuprat f'Malta, u fuq WEEE miġbur b'mod separat u esportat, bil-piż, biex iservi għall-monitoraġġ tal-konformità mar-rekwiżiti ta' dawn ir-regolamenti.

Il-produtturi li jfornu EEE permezz ta' komunikazzjoni mill-bogħod, kif imfisser fit-tifsira ta' "produttur" fir-regolament 3, ikun reġistrat f'Malta, jekk ibigħ lokalment, jew ikun reġistrat permezz tar-rappreżentant awtorizzat tiegħu skont ir-regolament 17(2).

Konnessjonijiet ma' reġistri nazzjonali oħra fl-Istati Membri kollha għandhom jiġu pprovduti fuq il-websajt tal-awtorità kompetenti biex jiffaċilitaw ir-reġistrazzjoni tal-produtturi u r-rappreżentanti nazzjonali fejn maħtura skont ir-regolament 17.

(2) Kull produttur jew rappreżentant awtorizzat għandu japplika biex jiġi rreġistrat mal-awtorità kompetenti. Kull produttur ikollu l-possibilità li jdaħħal onlajn fir-reġistru nazzjonali tiegħu l-informazzjoni kollha rilevanti stabbilita fl-iSkeda 9 li tirrifletti l-attivitajiet tal-produttur f'Malta.

(3) Sal-31 ta' Marzu 2015, u kull sena wara, kull produttur jew rappreżentant awtorizzat li japplika għar-reġistrazzjoni għandu jipprovdi lill-awtorità kompetenti l-informazzjoni li ġejja dwar

tagħmir elettriku u elettroniku mqiegħed fis-suq għall-ewwel darba fit-territorju ta' Malta bejn l-1 ta' Jannar u l-31 ta' Diċembru tas-sena tas-sena immedjatament qabel.

(4) Produttur jew rappreżentant awtorizzat maħtur skont ir-regolament 17 għandu jirreġistra kif meħtieġ jew onlajn jew bil-miktub, billi jagħti l-informazzjoni kollha rilevanti stabbilita fl-iSkeda 9, Parti A, kif stipulat fil-formola ta' reġistrazzjoni rilevanti, li tirrifletti l-attivitajiet f'Malta ta' dak il-produttur, li jikkommetti ruħu li jaġġornaha kif xieraq. Kull produttur jew kull rappreżentant awtorizzat, meta maħtur skont ir-regolament 17, huwa meħtieġ ukoll li jipprovdi l-informazzjoni stabbilita fl-iSkeda 9, Parti B.

(5) Meta produttur jieqaf milli jqiegħed tagħmir elettriku u elettroniku fis-suq, hu għandu jinforma lill-awtorità kompetenti fi żmien għoxrin jum ta' xogħol minn meta jieqaf jagħmel dan.

(6) Applikazzjoni minn produttur jew rappreżentant awtorizzat biex jirreġistra għandu jkollha magħha miżata kif preskritt fl-iSkeda 12.

(7) L-awtorità kompetenti għandha tikkonferma li rċeviet l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' produttur jew rappreżentant awtorizzat, bil-miktub fi żmien għoxrin jum ta' xogħol minn meta tirċeviha u għandha tipproċessa dik l-applikazzjoni fi żmien għoxrin jum ta' xogħol minn meta tikkonferma li tkun irċevietha.

(8) L-awtorità kompetenti għandha tagħmel din l-informazzjoni disponibbli skont ir-Regolamenti dwar il-Libertà ta' Aċċess għal Informazzjoni dwar l-Ambjent. L.S. 504.65

(9) Biex jiġi evitat id-dubju, xejn f'dan ir-regolament ma jeħtieġ li reġistru miżmum mill-awtorità kompetenti jkun fih informazzjoni dwar kull proċediment kriminali (inklużi proċedimenti prospettivi) jew għal kull element li huwa *ratione materiae* ta' proċedimenti bħal dawn, fi kwalunkwe ħin qabel ma dawn il-proċedimenti jiġu kompletament mwarrbin.

(10) Xejn f'dan ir-regolament ma jeħtieġ li reġistru miżmum mill-awtorità kompetenti jkun fih informazzjoni li tkun ġiet imħassra minn informazzjoni aktar riċenti li jgħaddu wara erba' snin minn meta dik l-informazzjoni riċenti tkun iddaħħlet fir-reġistru.

Rappreżentant awtorizzat.

17. (1) Produttur differenti minn produttur li jbigħ l-EEE permezz ta' komunikazzjoni mill-bogħod direttament lil djar privati jew lil utenti ħlief djar privati f'Malta, u huwa stabbilit fi Stat Membru jew pajjiż terz ieħor, għandu jaħtar persuna naturali jew fiżika stabbilita f'Malta bħala r-rappreżentant awtorizzat li huwa

responsabbli biex jissodisfa l-obbligi f'Malta ta' dak il-produttur, skont dawn ir-regolamenti, għal EEE li jinbiegħ fit-territorju ta' Malta.

(2) Produttur li jbigħ l-EEE permezz ta' komunikazzjoni mill-bogħod lil djar privati jew lil utenti ħlief djar privati f'Malta, għandu jaħtar rappreżentant awtorizzat f'Malta bħala l-persuna responsabbli biex tissodisfa l-obbligi f'Malta ta' dak il-produttur, skont dawn ir-regolamenti, għal EEE li jinbiegħ fit-territorju ta' Malta.

(3) Produttur li huwa stabbilit f'Malta u li jqiegħed EEE fis-suq fi kwalunkwe Stat Membru minbarra Malta permezz ta' komunikazzjoni mill-bogħod għandu jikkonforma mal-obbligi skont id-Direttiva f'dak l-Istat Membru.

(4) Il-ħatra ta' rappreżentant awtorizzat issir permezz ta' prokura bil-miktub, permezz ta' dikjarazzjoni kif stabbilit fl-iSkeda 11.

(5) F'nuqqas ta' konfirmità mas-subregolamenti (1) u (2), il-prodotti introdotti fit-territorju doganali ta' Malta mill-produttur stabbilit fi Stat Membru jew pajjiż terz ieħor jistgħu jinżammu sakemm il-produttur jikkonforma mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-regolament.

Il-kooperazzjoni amministrattiva u l-iskambju ta' informazzjoni.

18. L-awtorità kompetenti għandha tiżgura kooperazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti ta' Stati Membri oħra tal-UE għall-implimentazzjoni tad-Direttiva, b'mod partikolari biex tistabbilixxi fluss xieraq ta' informazzjoni sabiex tiżgura li l-produtturi jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva u fejn xieraq, jipprovdu lil xulxin u lill-Kummissjoni informazzjoni sabiex jiffaċilitaw l-implimentazzjoni xierqa tad-Direttiva. Il-kooperazzjoni amministrattiva u l-iskambju ta' informazzjoni, l-aktar bejn ir-reġistri nazzjonali, tinkludi mezzi elettroniċi ta' komunikazzjoni.

L-awtorità kompetenti għandha tagħti aċċess lill-awtorità kompetenti ta' Stati Membri oħra tal-UE għad-dokumenti u l-informazzjoni rilevanti inklużi r-riżultati ta' kwalunkwe spezzjoni, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-liġi dwar il-protezzjoni tad-dejta fis-seħħ.

Trasferiment ta' negozju ta' produttur għal ieħor.

19. (1) Meta n-negozju ta' produttur jiġi ttrasferit b'mod sħiħ jew f'parti lil persuna oħra, il-produttur jiġi trattat bħala li jibqa' responsabbli għat-tagħmir elettriku u elettroniku li għalih għamel applikazzjoni biex jirreġistrah skont ir-regolament 17, sakemm ma jkunx kapaċi juri lill-awtorità kompetenti li l-persuna li lilha jkiun sar it-trasferiment qablet li tosserva l-obbligi tal-produttur fir-rigward ta' tagħmir elettriku u elettroniku bħal dan skont dawn ir-regolamenti.

(2) Meta japplika s-subregolament (1), il-persuna li lilha jiġi trasferit in-negozju jew parti minnu ssir produttur għall-iskopijiet ta' dawn ir-regolamenti u dik il-persuna għanda:

(a) tapplika lill-awtorità kompetenti għal reġistrazzjoni skont ir-regolament 17; u

(b) timpenja ruħha li tilħaq l-għanijiet stipulati fir-regolamenti 7 u 11.

Ftehimiet.

20. (1) Għall-finijiet li jintlaħqu l-għanijiet, u li jiġu sodisfatti d-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, l-operaturi ekonomiċi jistgħu jkunu partijiet fi ftehimiet mal-awtorità kompetenti.

(2) Ftehimiet bħal dawn għandhom jispeċifikaw ir-regoli dettaljati ta' implimentazzjoni ta' dawn ir-regolamenti. Aktar minn hekk dawn il-ftehimiet għandhom:

(a) ikunu infurzabbli bil-liġi;

(b) jispeċifikaw l-objettivi mal-iskadenzi korrispondenti;

(ċ) ikunu ppubblikati fil-Gazzetta;

(d) ikollhom ir-riżultati miksuba skonthom immonitorati b'mod regolari, irrappurtati lill-awtorità kompetenti u magħmula disponibbli lill-pubbliku skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-ftehim;

(e) ikollhom il-progress imwettaq taħthom eżaminat f'termini ta' dispożizzjonijiet li jsiru mill-awtorità kompetenti.

Permessi meħtieġa għall-operazzjoni ta' skema ta' konformità ta' skart ta' tagħmir elettriku u elettroniku.
L.S. 504.37

21. (1) Persuni li beħsiebhom joperaw skema ta' konformità ta' skart ta' tagħmir elettriku u elettroniku kif meħtieġ skont dawn ir-regolamenti, inkluż il-ġbir, is-separazzjoni, il-ħażna, it-trattament, l-esportazzjoni u r-riċiklaġġ ta' skart ta' tagħmir elettriku u elettroniku, f'isem il-produtturi, jeħtieġ li jiksbu permess validu mill-awtorità kompetenti skont ir-Regolamenti dwar l-Iskart.

L.S. 504.37

(2) Mingħajr preġudizzju għar-Regolamenti dwar l-Iskart, fl-applikazzjoni għal permess bħal dan, kull persuna li tapplika għanda tipprovdi lill-awtorità kompetenti l-informazzjoni li ġejja, kif applikabbli:

(a) kopja tal-Memorandum u tal-iStatut ta' Assoċjazzjoni;

(b) kopja ta' permess tal-iżvilupp validu, maħruġ skont l-Att dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp; Kap. 504.

(ċ) deskrizzjoni tas-sistema proposta li tipprovdi għall-ġbir, trattament u riċiklaġġ tal-iskart tat-tagħmir elettriku u elettroniku skont id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti;

(d) pjan finanzjarju fir-rigward tal-iskema proposta;

(e) il-piżijiet annwali tal-iskart ta' tagħmir elettriku u elettroniku f'kull kategorija li għandu jinġabar, jiġi trattat u riċiklat;

(f) l-għanijiet annwali stipulati li għandhom jinkisbu skont l-iskema proposta;

(g) proposti għad-determinazzjoni u l-verifika tal-livell ta' ġbir, irkuprar u riċiklaġġ ta' skart ta' tagħmir elettriku u elettroniku intlaħqu skont l-iskema proposta, inklużi stimi u suppożizzjonijiet li għandhom isiru f'dan il-proċess;

(h) proposti għaċ-ċertifikazzjoni tal-produtturi li ser jużaw l-iskema proposta;

(i) proposti ta' kif l-informazzjoni skont id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti ser tiġi kkompilata u magħmula disponibbli lill-awtorità kompetenti;

(j) kwalunkwe informazzjoni oħra rilevanti, mitluba mill-awtorità kompetenti.

(3) L-awtorità kompetenti tista' tispeċifika l-format li fih issir disponibbli dik l-informazzjoni.

(4) L-awtorità kompetenti tagħmel din l-informazzjoni disponibbli skont ir-Regolamenti dwar il-Libertà ta' Aċċess għal Informazzjoni dwar l-Ambjent. L.S. 504.65

Parteċipazzjoni fi skema awtorizzata tal-iskart ta' tagħmir elettriku u elettroniku.

22. L-awtorità kompetenti tista' teżenta produttur minn parti minn dawn ir-regolamenti sakemm il-produttur jagħti prova, lill-awtorità kompetenti, li jipparteċipa fi skema awtorizzata ta' konformità ta' skart ta' tagħmir elettriku u elettroniku.

Ftehim iffirmat ta' operatur ta' skema awtorizzata ta' konformità ta' skart ta' tagħmir elettriku u elettroniku.

23. (1) Produttur jew rappreżentant awtorizzat li juża skema awtorizzata ta' konformità ta' skart ta' tagħmir elettriku u elettroniku huwa meħtieġ li jissottometti lill-awtorità kompetenti ftehim iffirmat mal-operatur tal-iskema awtorizzata ta' konformità ta' skart ta' tagħmir elettriku u elettroniku bħala xhieda li l-iskema hija konformi mad-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti.

(2) Il-produttur jew ir-rappreżentat awtorizzat għandom, aktar minn hekk, jissottomettu lill-awtorità kompetenti stqarrija ta' konformità mad-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, iffirmata mill-operatur tal-iskema awtorizzata ta' konformità ta' skart ta' tagħmir elettriku u elettroniku, rigward tagħmir elettriku u elettroniku li jkun ġie mqiegħed fis-suq mill-produttur fis-sena kalendarja ta' qabel, sal-31 ta' Marzu ta' kull sena. Wara dan l-informazzjoni għandha tingħata fil-31 ta' Marzu jew qabel, kull sena li tiġi minnufih wara t-tmiem ta' dak il-perjodu ta' konformità, fir-rigward tat-tagħmir elettriku u elettroniku li jkun ġie mqiegħed fis-suq għall-ewwel darba fit-territorju ta' Malta mill-produttur matul is-sena li tiġi minnufih qabel.

(3) L-operatur tal-iskema awtorizzata ta' konfirmità ta' tagħmir elettriku u elettroniku msemmi fis-subregolament (1) għandu:

(a) jintrabat li jwettaq l-attivitajiet li jkun sar ftehim dwarhom u f'isem il-produttur skont il-liġijiet u r-regolamenti eżistenti,

(b) jipprovdi lill-awtorità kompetenti sal-31 ta' Marżu ta' kull sena l-informazzjoni meħtieġa fir-rigward ta' tagħmir elettriku u elettroniku mqiegħed fis-suq għall-ewwel darba fit-territorju ta' Malta mill-produttur fis-sena ta' qabel. Stqarrija ta' konformità għandha tingħata wkoll sal-31 ta' Marzu ta' kull sena rigward tagħmir elettriku u elettroniku li jkun tqiegħed fis-suq mill-produttur matul is-sena ta' wara.

(4) Din l-informazzjoni għandha tiġi pprovduta f'rapporti trimestrali u annwali. L-iskemi ta' konformità tal-iskart elettriku u elettroniku għandhom jissottomettu rapporti trimestrali lill-awtorità kompetenti fi żmien erbgħin (40) jum ta' xogħol wara t-tmiem ta' dak il-perjodu, filwaqt li għandhom jiġu sottomessi rapporti annwali lill-awtorità kompetenti fi żmien sitt (6) xhur kalendarji minn tmiem is-sena.

(5) L-awtorità kompetenti tista' tispeċifika l-format li fih issir disponibbli din l-informazzjoni.

L.S. 504.65

(6) L-awtorità kompetenti tagħmel din l-informazzjoni disponbbli skont ir-Regolamenti dwar il-Libertà ta' Aċċess għal Informazzjoni dwar l-Ambjent.

Awditjar.

24. (1) Il-produtturi jew rappreżentanti awtorizzati bħala produtturi awtokonformi, jew skemi awtorizzati ta' konformità ta' skart ta' tagħmir elettriku u elettroniku għandhom jużaw is-servizzi ta' awditur indipendenti, approvat mill-awtorità kompetenti, biex

jiċċertifika l-informazzjoni kollha rrappurtata lill-awtorità kompetenti.

(2) Fil-każ ta' produtturi awtokonformi, l-awditur ikun meħtieġ jiċċertifika li l-informazzjoni rappurtata lill-awtorità kompetenti hija konformi mal-obbligi ta' dawn ir-regolamenti.

(3) Fil-każ ta' skemi awtorizzati ta' konformità ta' skart ta' tagħmir elettriku u elettroniku, l-awditur ikun jeħtieġ li jiċċertifika li l-informazzjoni kollha rappurtata lill-awtorità kompetenti tkun kif speċifikat fil-permess tal-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar stess.

(4) Kemm produtturi awtokonformi kif ukoll detenturi ta' permessi tal-iskemi awtorizzati ta' konformità ta' skart ta' tagħmir elettriku u elettroniku għandhom jiżguraw li titwaqqaf proċedura ta' awditjar xierqa għat-traċċabilità, monitoraġġ u kontroll għall-iskart kollu ta' tagħmir elettriku u elettroniku mmaniġġjat.

Spezzjoni u monitoraġġ.

25. (1) Għandhom jitwettqu spezzjonijiet u monitoraġġ xierqa biex jivverifikaw l-implimentazzjoni xierqa ta' dawn ir-regolamenti. Dawn l-ispezzjonijiet għandhom mill-anqas ikopru:

(a) l-informazzjoni rrappurtata fil-qafas tar-reġistru tal-produtturi;

(b) il-vjeġġi, b'mod partikolari l-esportazzjonijiet ta' WEEE barra l-Unjoni f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1013/2006 u r-Regolament (KE) Nru 1418/2007; u

(ċ) l-operazzjonijiet fil-faċilitajiet ta' trattament skont ir-Regolamenti dwar l-Iskart, u l-iSkeda 7 li tinsab ma' dawn ir-regolamenti. L.S. 504.37

(2) L-awtorità kompetenti għandha tiżgura li l-vjeġġi użati fl-EEE ssuspettati li huma WEEE jitwettqu skont ir-rekwiżiti minimi fl-iSkeda 6 u għandha għalqadstant tissorvelja dawn il-vjeġġi.

(3) L-ispejjeż ta' analiżi u spezzjonijiet xierqa, li jinkludu l-ispejjeż ta' ħażna, ta' EEE użat issuspettat li huwa WEEE għandhom jiġu addebitati lill-produtturi, partijiet terzi li jaġixxu f'isimhom jew persuni oħra li jieħdu ħsieb il-vjeġġ ta' EEE użat issuspettat li huwa WEEE.

Reati skont dawn ir-regolamenti.

26. Kull persuna tkun ħatja ta' reat skont dawn ir-regolamenti jekk:

(a) tonqos milli tosserva xi waħda mid-dispożizzjonijiet

ta' dawn ir-regolamenti jew tonqos milli tosserva kundizzjonijiet ta' permessi jew xi ordni mogħti legalment skont xi dispożizzjoni ta' dawn ir-regolamenti; jew

(b) tikser xi restrizzjoni, projbizzjoni jew ħtieġa imposti minn jew skont dawn ir-regolamenti; jew

(ċ) taġixxi bi ksur ta' xi dispożizzjoni ta' dawn ir-regolamenti; jew

(d) tiftiehem jew tipprova tiftiehem, jew tgħin, jew tħajjar, lil kull persuna oħra bi kwalunkwe mezz, inkluż reklamar, konsulenza jew akkwist biex tikser id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti jew biex tonqos milli tkun konformi ma' dispożizzjonijiet bħal dawn, inkluża kull ordni mogħtija legalment bis-saħħa ta' xi dispożizzjoni ta' dawn ir-regolamenti, jew biex tikser xi restrizzjoni, projbizzjoni jew ħtieġa imposti minn jew skont ir-regolamenti msemmija.

Pieni.

27. Kull persuna li twettaq reat kontra dawn ir-regolamenti għandha, meta tinsab ħatja, teħel:

(a) fil-każ tal-ewwel reat, multa ta' mhux anqas minn elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (€1,164.69), iżda ta' mhux iżjed bminn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37);

(b) fil-każ tat-tieni jew għal kull reat ieħor sussegwenti, multa ta' mhux anqas minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), iżda ta' mhux iżjed minn erbat elef sitt mija u tmienja u ħamsin euro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (€4,658.75), jew priġunerija għal żmien ta' mhux aktar minn sentejn, jew dik il-multa u priġunerija flimkien:

Iżda meta persuna tinsab ħatja ta' reat kontra dawn ir-regolamenti permezz ta' vettura, is-sid ta' dik il-vettura għandu, fejn japplika, jitqies daqstant responsabbli u fl-istess grad ukoll:

Iżda wkoll il-qorti tista' tordna lill-persuna li tinstab ħatja ta' reat taħt dawn ir-regolamenti biex tħallas l-ispejjeż li tkun għamlet l-awtorità kompetenti msemmija f'dawn ir-regolamenti minħabba f'dak ir-reat, ir-revoka tal-permess maħruġ mill-awtorità kompetenti u l-konfiska tal-*corpus delicti*, inkluża l-vettuta, jekk dan ikun applikabbli.

28. (1) Id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 23 u 30 tal-Kodiċi Kriminali għandhom, *mutatis mutandis*, japplikaw fil-proċedimenti rigward reati kontra dawn ir-regolamenti, b'dan illi l-iskwalifika milli persuna jkollha jew tikseb xi liċenza, permess jew awtorità m'għandha f'ebda każ tkun għal anqas minn sena. Applikabilità tal-Kodiċi Kriminali. Kap. 9.

(2) Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 370 tal-Kodiċi Kriminali, il-proċedimenti għal reat kontra dawn ir-regolamenti għandhom jinżammu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jew il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), skont il-każ, u għandhom ikunu skont id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali li jirregolaw il-proċedura quddiem il-qrati msemmija bħala qrati ta' ġudikatura kriminali. Kap. 9.

(3) Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali, l-Avukat Ġenerali jkollu dejjem dritt ta' appell quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali minn kull sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jew mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fir-rigward ta' proċedimenti għal kull reat kontra dawn ir-regolamenti.

29. Ir-Regolamenti tal-2007 dwar l-Immaniġġjar tal-Iskart (Tagħmir Elettriku u Elettroniku) huma b'dan revokati. Revoka tar-Regolamenti tal-2007 dwar l-Immaniġġjar tal-Iskart (Tagħmir Elettriku u Elettroniku). A.L. 63 tal-2007.

B 2442

Skeda 1

(Regolament 2(3)(a))

Kategoriji ta’ EEE koperti minn dawn ir-regolamenti matul perjodu ta’ transizzjoni kif previst fir-regolament 2(3)(a)

1. Apparat domestiku kbir
2. Apparat domestiku żgħir
3. Tagħmir tal-I.T. u tat-telekomunikazzjoni
4. Tagħmir tal-konsumatur u pannelli fotovoltajċi
5. Tagħmir tad-dawl
6. Għodod elettriċi u elettroniċi (ħlief għodod industrijali stazzjonarji ta’ skala kbira)
7. Ġugarelli, tagħmir tad-divertiment u sports
8. Tagħmir mediku (ħlief il-prodotti kollha impjantati u infettati)
9. Strumenti ta’ monitoraġġ u ta’ kontroll
10. *Dispensers* awtomatiċi

Skeda 2

(Regolament 2(3)(a))

Lista indikattiva ta’ EEE li jaqa’ fil-kategoriji tal-iSkeda 1

1. APPARAT DOMESTIKU KBIR

   Apparat kbir li jkessaħ

   Refriġeraturi

   Friżers

   Apparat domestiku kbir ieħor li jintuża għat-tkessiħ, konservazzjoni u ħażna tal-ikel

   Maġni tal-ħasil

Magni tat-tnixxif tal-ħwejjeġ

Maġni tal-ħasil tal-platti

Fran

Fuklara tal-elettriku

Pjanċi sħan tal-elettriku

Majkrowejvs

Apparat kbir ieħor użat għat-tisjir u pproċessar tal-ikel

Apparat tat-tisħin tal-elettriku

Radjaturi elettriċi

Apparat kbir ieħor għat-tisħin tal-kmamar, sodod u għamara ta' bilqiegħda

Fannijiet tal-elettriku

Apparat tal-arja kundizzjonata

Apparat ieħor b'effett ta' fann, ventilazzjoni ta' egżost u kundizzjonament

2. APPARAT DOMESTIKU ŻGĦIR

Vacuum cleaners

Carpet sweepers

Apparat ieħor tat-tindif

Apparat użat għall-ħjata, innittjar, insiġ u pproċessar ieħor għat-tessuti

Ħadidiet tal-mogħdija u apparat ieħor għall-mogħdija, illixxar u kura oħra għall-ħwejjeġ

Towsters

Apparat għall-qali

Grinders, magni tal-kafè u tagħmir għall-ftuħ u l-issiġillar ta' reċipjenti u pakketti

B 2444

Skieken elettriċi

Apparat għall-qtugħ tax-xagħar, tnixxif tax-xagħar, tindif tas-snien, tqaxxir, massaġġi u apparat ieħor tal-kura tal-ġisem

Arloġġi, arloġġi tal-idejn, tagħmir bl-iskop li jkejjel, jindika jew jirreġistra l-ħin

Imwieżen

3. TAGĦMIR TAL-IT U TAT-TELEKOMUNIKAZZJONI

Ipproċessar tad-dejta ċentralizzata

Mainframes

Kompjuters żgħar

Units tal-istampar

Computing personali:

Kompjuters personali (*CPU*, *mouse*, *screen* u l-*keyboard* inklużi)

Kompjuters portabbli (*CPU*, *mouse*, *screen* u l-*keyboard* inklużi)

Kompjuters *notebook*

Kompjuters *notepad*

Stampaturi

Apparat ta' kkupjar

Tajprajters elettriċi u elettroniċi

Kalkulaturi tal-but u tal-iskrivanija

u prodotti u tagħmir oħra għall-ġbir, ħażna, proċessar, preżentazzjoni jew komunikazzjoni ta' informazzjoni permezz ta' mezzi elettroniċi

User terminals u *systems*

Magna *facsimile* (faks)

Telex

Settijiet tat-telefown

Settijiet tat-telefown bil-ħlas

Telefowns mingħajr fili

Telefowns ċellulari

u prodotti jew tagħmir ieħor għat-trasmissjoni ta' ħsejjes, immaġni jew informazzjoni oħra permezz tat-telekomunikazzjoni

4. TAGĦMIR TAL-KONSUMATUR U PANNELLI FOTOVOLTAJĊI

Settijiet tar-radju

Settijiet tat-televiżjoni

Vidjokameras

Rekorders tal-vidjo

Rekorders *hi-fi*

Amplifikaturi tal-awdjo

Strumenti mużikali

u prodotti jew tagħmir ieħor għalll-fini tal-irrekordjar jew ir-riproduzzjoni tal-ħsejjes jew tal-immaġni, inklużi sinjali jew teknoloġiji oħra għad-distribuzzjoni tal-ħsejjes u tal-immaġni mhux permezz tat-telekomunikazzjoni

Pannelli fotovoltajċi

5. TAGĦMIR LI JAGĦTI D-DAWL

Dwal għal lampi fluorexxenti bl-eċċezzjoni ta' dwal fid-djar

Lampi fluorexxenti dritti

Lampi fluorexxenti kumpatti

Lampi ta' skariku ta' intensità għolja, inklużi lampi tas-sodju bi pressa u lampi tal-metall

B 2446

Lampi tas-sodju bi pressa baxxa

Dawl jew tagħmir ieħor li jagħti d-dawl għall-fini li jinfirex jew li jiġi kkontrollat id-dawl bl-eċċezzjoni tal-bozoz tal-filament

6. GĦODOD ELETTRIĊI U ELETTRONIĊI (BL-EĊĊEZZJONI TA' GĦODOD INDUSTRIJALI FISSI TA' SKALA KBIRA)

Apparat li jħaffer

Srieraq

Magni tal-ħjata

Tagħmir għal tidwir, xkatlar, tħin, tqattigħ, tħaffir, titqib, ippanċjar, tiwi, tgħawwiġ jew ipproċessar simili tal-injam, metall u materjali oħrajn

Għodod għall-irbuttar, it-tismir jew l-irbit bil-viti jew it-tneħħija ta' *rivets*, imsiemer, viti jew użu simili

Għodod għall-iwweldjar, l-istanjar jew użu simili

Tagħmir għall-isprejjar, it-tifrix jew xi trattament ieħor ta' sustanzi likwidi jew gassużi permezz ta' mezzi oħra

Għodod għall-ħsad jew attivitajiet oħra ta' xogħol fil-ġnien

7. ĠUGARELLI, TAGĦMIR GĦAL WAQT IL-ĦIN LIBERU U TAL-ISPORT

Ferroviji jew settijiet tat-tiġrija tal-karozzi tal-elettriku

Game consoles tal-vidjo li jinżammu fl-idejn

Logħob tal-vidjo

Kompjuters għal ġiri bir-rota, għadis, ġiri, qdif, eċċ

Tagħmir tal-isport b'komponenti elettriċi jew elettroniċi

Coin slot machines

8. TAGĦMIR MEDIKU (BL-EĊĊEZZJONI TA' KULL PRODOTT IMPJANTAT U INFETTAT)

Tagħmir għar-radjuterapija

Tagħmir għall-kardjoloġija

Tagħmir għad-dijalisi

Ventilaturi tal-pulmun

Tagħmir għall-mediċina nukleari

Tagħmir tal-laboratorju għad-dijanjosi *in vitro*

Analizzaturi

Friżers

Tagħmir għat-testijiet tal-fertilizzazzjoni

Apparat ieħor għad-detenzjoni, il-prevenzjoni, il-monitoraġġ, it-trattament, it-taffija ta' mard, korriment jew diżabilità.

9. STRUMENTI TA' MONITORAĠĠ U KONTROLL

Apparat li jindika d-duħħan

Regolaturi tas-sħana

Termostati

Apparat li jkejjel, jiżen jew jaġġusta għad-djar jew bħala tagħmir tal-laboratorju

Strumenti oħra ta' monitoraġġ u kontroll li jintużaw f'istallazzjonijiet industrijali (eż. pannelli ta' kontroll)

10. *DISPENSERS* AWTOMATIĊI

Dispensers awtomatiċi għal xorb jaħraq

Dispensers awtomatiċi għal fliexken jew bottijiet jaħarqu jew kesħin

Dispensers awtomatiċi għal prodotti solidi

Dispensers awtomatiċi għall-flus

Kull apparat li jipprovdi kull tip ta' prodott b'mod awtomatiku

B 2448

Skeda 3

(Regolament 2(3)(b))

Kategoriji ta' EEE koperti minn dawn ir-regolamenti

1. Tagħmir li jibdel it-temperatura

2. Skrins, moniters, u tagħmir li fih skrins b'wiċċ akbar minn 100ċm^2

3. Lampi

4. Tagħmir kbir (kwalunkwe dimensjoni esterna akbar minn 50ċm) inklużi, iżda mhux limitat għal:

   Apparat domestiku; tagħmir ta' IT u telekomunikazzjoni; tagħmir tal-konsumaturi; dwal; tagħmir li jirriproduċi ħsejjes jew immaġni, tagħmir mużikali; għodod elettriċi u elettroniċi; ġugarelli, tagħmir ta' divertiment u sport; tagħmir mediku; strumenti ta' monitoraġġ u kontroll; *dispensers* awtomatiċi; tagħmir għall-ġenerazzjoni ta' kurrenti elettriċi. Din il-kategorija ma tinkludix tagħmir inkluż fil-kategoriji minn 1 sa 3.

5. Tagħmir żgħir (bl-ebda dimensjoni esterna akbar minn 50ċm) inklużi, iżda mhux limitat għal:

   Apparat domestiku; tagħmir tal-konsumaturi; dwal; tagħmir li jirriproduċi ħsejjes jew immaġni, tagħmir mużikali; għodod elettriċi u elettroniċi; ġugarelli, tagħmir ta' divertiment u sport; tagħmir mediku; strumenti ta' monitoraġġ u kontroll; *dispensers* awtomatiċi; tagħmir għall-ġenerazzjoni ta' kurrenti elettriċi. Din il-kategorija ma tinkludix tagħmir inkluż fil-kategoriji minn 1 sa 3 u 6.

6. Apparat żgħir tal-IT u tat-telekomunikazzjoni (bl-ebda dimensjoni esterna akbar minn 50ċm)

Skeda 4

(Regolament 2(3)(b))

Lista mhux eżawrjenti ta' EEE li jaqgħu fil-kategoriji elenkati fl-iSkeda 3

1. TAGĦMIR LI JIBDEL IT-TEMPERATURA

   Refriġeraturi, friżi, tagħmir li jipprovdi prodotti kesħin b'mod awtomatiku, tagħmir tal-klimatizzazzjoni tal-arja, tagħmir deumidifikanti, pompi tas-sħana, radjaturi li fihom iż-żejt u tagħmir ieħor li jibdel it-temperatura li juża fluwidi għajr l-ilma għat-tibdil tat-temperatura.

2. SKRINS, MONITERS U TAGĦMIR LI FIH SKRINS B'WIĊĊ AKBAR MINN 100 ĊM^2

   Skrins, televiżjonijiet kwadri tar-ritratti LCD, moniters, *laptops*, *notebooks*.

3. LAMPI

   Lampi fluworexxenti dritti, lampi fluorexxenti kumpatti, lampi fluorexxenti, lampi bi skariku elettriku ta' intensità għolja - inkluż lampi tas-sodju bi pressa u lampi alidi tal-metall, lampi tas-sodju bi pressa baxxa, LED.

4. TAGĦMIR KBIR

   Magni tal-ħasil ta' ħwejjeġ, magni tat-tnixxif tal-ħwejjeġ, magni tal-ħasil tal-platti, fran, stufi elettriċi, pjanċi sħan elettriċi, dwal, tagħmir li jirriproduċi ħsejjes jew immaġni, tagħmir mużikali (esklużi orgnijiet installati fi knejjes) apparat għall-ħdim tal-labar u l-insiġ, servers lokali kbar (*mainframes*) stampaturi kbar, tagħmir għall-ikkupjar, *slot machines* kbar, tagħmir mediku kbir, strumenti ta' monitoraġġ u kontroll kbar, apparat kbir li jipprovdi prodotti u flus b'mod awtomatiku, pannelli fotovoltajċi.

5. TAGĦMIR ŻGĦIR

   Vacuum cleaners, *Carpet sweepers*, apparat għall-ħjata, dwal, majkrowejvs, tagħmir tal-ventilazzjoni, ħadid tal-mogħdija, towsters, skieken elettriċi, ktieli elettriċi, arloġġi u arloġġi tal-idejn, *shavers* elettriċi, imwieżen, apparat għall-kura tax-xagħar u l-kura tal-ġisem, tagħmir *hi-fi*, strumenti tal-mużika, tagħmir li jirriproduċi ħsejjes jew

immaġni, ġugarelli elettriċi u elettroniċi, tagħmir tal-isport, kompjuters għall-ġiri bir-rota, l-għadis, il-ġiri, il-qdif eċċ., diteketers tad-duħħan, regolaturi tas-sħana, termostats, għodod elettriċi u elettroniċi żgħar, tagħmir mediku żgħir, strumenti ta' monitoraġġ u kontroll żgħar, apparat żgħir li jipprovdi prodotti b'mod awtomatiku, tagħmir żgħir b'pannelli fotovoltajċi integrati.

6. APPARAT ŻGĦIR TAL-IT U T-TELEKOMUNIKAZZJONI (BL-EBDA DIMENSJONI ESTERNA AKBAR MINN 50 ĊM)

Telefowns ċellulari, GPS, kalkolaturi tal-but, *routers*, kompjuters personali, *printers*, telefowns.

Skeda 5

(Regolament 11)

Miri minimi għall-irkupru msemmija fir-regolament 11

Parti 1: Miri minimi applikabbli skont il-kategorija mit-13 ta' Awwissu 2012 sal-14 ta' Awwissu 2015 b'referenza għall-kategoriji elenkati fl-iSkeda 1:

(a) għal WEEE li jaqa' fil-kategorija 1 jew 1- tal-Iskeda 1,

80% għandu jiġi rkuprat, u

75% għandu jiġi riċiklat;

(b) għal WEEE li jaqa' fil-kategoriji 3 jew 4 tal-Iskeda 1,

75% għandu jiġi rkuprat, u

65% għandu jiġi riċiklat;

(ċ) għal WEEE li jaqa' fil-kategorija 2, 5, 6, 7, 8 jew 9 tal-iSkeda 1,

70% għandu jiġi rkuprat, u

50% għandu jiġi riċiklat

(d) għal lampi bi skariku tal-gass, 80% għandu jiġi riċiklat.

Parti 2: Miri minimi applikabbli mill-15 ta' Awwissu 2015 sal-14 ta' Awwissu 2018, b'referenza għall-kategoriji elenkati fl-iSkeda 1:

(a) għal WEEE li jaqa' fil-kategorija 1 jew 10 tal-iSkeda 1,

85% għandu jiġi rkuprat, u

80% għandu jitħejja għall-użu mill-ġdid u jiġi rriċiklat;

(b) għal WEEE li jaqa' fil-kategorija 3 jew 4 tal-iSkeda 1,

80% għandu jiġi rkuprat, u

70% għandu jitħejja għall-użu mill-ġdid u jiġi rriċiklat;

(ċ) għal WEEE li jaqa' fil-kategorija 2, 5, 6, 7, 8 jew 9 tal-iSkeda 1,

75% għandu jiġi rkuprat, u

55% għandu jitħejja għall-użu mill-ġdid u jiġi rriċiklat;

(d) għal lampi bi skariku tal-gass, 80% għandu jiġi rriċiklat.

Parti 3: Miri minimi applikabbli mill-15 ta' Awwissu 2018 b'referenza għall-kategoriji elenkati fl-iSkeda 3:

(a) għal WEEE li jaqa' fil-kategorija 1 jew 4 tal-iSkeda 3,

85% għandu jiġi rkuprat, u

80% għandu jitħejja għall-użu mill-ġdid u jiġi rriċiklat;

(b) għal WEEE li jaqa' fil-kategorija 2 tal-iSkeda 3,

80% għandu jiġi rkuprat, u

70% għandu jitħejja għall-użu mill-ġdid u jiġi rriċiklat;

(ċ) għal WEEE li jaqa' fil-kategorija 5 jew 6 tal-iSkeda 3,

75% għandu jiġi rkuprat, u

55% għandu jitħejja għall-użu mill-ġdid u jiġi rriċiklat;

(d) għal WEEE li jaqa' fil-kategorija 3 tal-iSkeda 3, 80% għandu jijġi riċiklat.

Skeda 6

(Regolament 25)

Ir-rekwiżiti minimi għall-vjeġġi

1. Sabiex issir distinzjoni bejn l-EEE u l-WEEE, fejn detentur ta' oġġett jiddikjara li għandu l-intenzjoni li jġorr jew li qiegħed iġorr EEE użat iżda li mhux WEEE, l-awtorità kompetenti għandha tesiġi li d-detentur ikollu disponibbli dan li ġej biex isostni d-dikjarazzjoni:

(a) kopja tal-fattura u tal-kuntratt li għandhom x'jaqsmu mal-bejgħ u/jew mat-trasferiment tas-sjieda tal-EEE li jiddikjaraw li t-tagħmir huwa maħsub għal użu mill-ġdid dirett u li huma kompletament funzjonali;

(b) evidenza tal-valutazzjoni jew l-ittestjar f'forma ta' kopja tar-reġistri (ċertifikat tal-ittestjar, prova tal-funzjonalità) fuq kull oġġett fil-konsenja u protokoll li jkun fih it-tagħrif kollu tar-reġistri skont il-punt 3;

(ċ) dikjarazzjoni li tkun saret mid-detentur li jorganizza t-trasport tal-EEE li l-ebda materjal jew tagħmir fil-konsenja ma huwa skart kif imfisser fir-regolament 4 tar-Regolamenti dwar l-Iskart (L.S. 504.37); u

(d) protezzjoni adatta kontra ħsara waqt it-trasport, it-tagħbija u l-ħatt b'mod partikolari permezz ta' imballaġġ suffiċjenti u arranġament adatt tat-tagħbija.

2. B'deroga, il-punt 1(a) u (b) u l-punt 3 ma japplikawx meta jkun iddokumentat bi provi konklużivi li l-vjeġġ ikun qiegħed isir fil-

qafas ta' ftehim ta' trasferiment minn negozju għal ieħor u li:

(a) l-EEE jintbagħat lura lill-produttur jew lil parti terza li taġixxi f'ismu bħala prodott difettuż għat-tiswija taħt garanzija bl-intenzjoni ta' użu mill-ġdid; jew

(b) l-EEE użat għal użu professjonali jintbagħat lill-produttur jew lil parti terza li taġixxi f'ismu jew faċilità ta' parti terza f'pajjiżi li għalihom tapplika d-Deċiżjoni C(2001)107/ Finali tal-Kunsill OECD dwar ir-revizjoni tad-Deċiżjoni C(92)39/Finali dwar il-kontroll ta' movimenti transkonfinali ta' skart destinat għal operazzjonijiet ta' rkuprar, għall-manutenzjoni jew it-tiswija skont kuntratt validu bl-intenzjoni tal-użu mill-ġdid; jew

(ċ) l-EEE difettuż użat għal użu professjonali, bħal tagħmir mediku jew il-partijiet tiegħu, jintbagħat lill-produttur jew lil parti terza li taġixxi f'ismu għall-analiżi tal-kawża prinċipali skont kuntratt validu, f'każijiet fejn tali analiżi tista' ssir biss mill-produttur jew partijiet terzi li jaġixxu f'ismu.

3. Sabiex jintwera li l-oġġetti li qiegħdin jinġarru jikkostitwixxu EEE użat u mhux WEEE, l-awtorità kompetenti għandha tesiġi li jwettqu l-passi li ġejjin għall-ittestjar u ż-żamma ta' reġistri għall-WEEE:

Pass 1: Ittestjar

(a) Il-funzjonalità għandha tiġi ttestjata u l-preżenza ta' sustanzi perikolużi għandha tiġi vvalutata. It-testijiet li għandhom jitwettqu jiddependu mit-tip ta' EEE. Għall-parti l-kbira tal-EEE, test ta' funzjonalità tal-funzjonijiet ewlenin huwa biżżejjed.

(b) Ir-riżultati tal-evalwazzjoni u l-ittestjar għandhom jiġu rreġistrati.

Pass 2: Reġistru

(a) Ir-reġistru għandu jitwaħħal b'mod sikur iżda mhux permanenti jew fuq l-EEE stess (jekk dan ma jkunx ippakkjat) jew fuq l-imballaġġ sabiex ikun jista' jinqara mingħajr ma jinfetaħ l-imballaġġ tat-tagħmir.

(b) Ir-reġistru għandu jinkludi t-tagħrif li ġej:

- l-isem tal-oġġett (l-isem tat-tagħmir jekk elenkat fl-iSkeda 2 jew fl-iSkeda 4, skont il-każ, u l-

kategorija elenkata fl-iSkeda 1 u l-iSkeda 3, skont il-każ),

- in-numru ta' identifikazzjoni tal-oġġett (Nru tat-tip) fejn applikabbli,

- is-sena tal-produzzjoni (jekk disponibbli),

- l-isem u l-indirizz tal-kumpannija responsabbli għall-evidenza tal-funzjonalità

- ir-riżultati tat-testijiet kif deskritti fl-istadju 1 (inkluża d-data tat-test tal-funzjonalità),

- it-tip ta' testijiet imwettqa.

4. Minbarra d-dokumentazzjoni mitluba fil-punti 1, 2 u 3, kull tagħbija (eż. kontenituri tal-ġarr, trakk) tal-EEE użat għandha tkun akkumpanjata minn:

(a) dokument tat-trasport rilevanti, eż. CMR jew *waybill*;

(b) dikjarazzjoni tal-persuna responsabbli għaliha.

5. Fin-nuqqas ta' prova li oġġett huwa tagħmir EEE użat u mhux WEEE permezz tad-dokumentazzjoni xierqa meħtieġa taħt il-punti 1, 2, 3 u 4 u fin-nuqqas ta' protezzjoni xierqa kontra ħsara matul it-trasport, it-tagħbija u l-ħatt, b'mod partikolari permezz tal-imballaġġ suffiċjenti u arranġament adatt tat-tagħbija, li huma l-obbligi tad-detenur li jirranġa t-trasport, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw li oġġett huwa WEEE u jippreżumu li t-tagħbija hija konsenja illegali. F'dawn iċ-ċirkostanzi t-tagħbija tiġi trattata skont l-Artikoli 24 u 25 tar-Regolament (KE) Nru 1013/2006.

Skeda 7

(Regolament 8)

Trattament selettiv għal materjali u komponenti ta' skart ta' tagħmir elettriku u elettroniku msemmi fir-regolament 8(2)

1. Bħala minimu, is-sustanzi, it-taħlitiet u l-komponenti li ġejjin għandhom jitneħħew minn kwalunkwe WEEE miġbur separatament:

- Bifenili poliklorinati (PCB) li fihom *capacitors*

skont id-Direttiva tal-Kunsill 96/59/KE tas-16 ta' Settembru 1996 dwar ir-rimi ta' bifenili poliklorinati u terfenili poliklorinati (PCB/PCT)

- komponenti li fihom il-merkurju, bħal swiċċijiet jew bozoz tal-*backlighting*,

- batteriji,

- bords stampati ġeneralment ta' ċirkwiti tat-telefowns ċellulari u ta' mezzi oħra jekk is-superfiċje tal-bord stampat taċ-ċirkwit tkun akbar minn 10ċm kwadri,

- *toner cartridges*, likwidi u *paste*, kif ukoll *toner* tal-kulur,

- plastik li fih retardanti brominati tan-nirien,

- skart tal-asbestos u komponenti li fihom l-asbestos,

- tubi tal-*cathode-ray*,

- klorofluworokarbonji (CFC), idrokloroflurokarbonji (HCFC) jew idrofluworokarbonju (HFC), idrokarbonju (HC),

- bozoz bi skariku tal-gass,

- skrins tal-kristalli likwidi (flimkien mal-*casing* tagħhom fejn ikun xieraq) ta' superfiċje akbar minn 100 ċm kwadru u dawk *back-lighted* b'bozoz bi skariku tal-gass,

- kejbils esterni tal-elettriku,

- komponenti li fihom fibri taċ-ċeramika refrattorji kif deskritti fid-Direttiva 97/69/KE tal-5 ta' Diċembru 1997 li taddatta għall-progress tekniku għat-23 darba d-Direttiva 67/548/KEE dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, tar-regolamenti u tad-dispożizzjonijiet amministrattivi dwar il-klassifikazzjoni, l-imballaġġ u l-ittikkettjar ta' sustanzi perikolużi,

- komponenti li fihom sustanzi bl-eċċezzjoni ta' komponenti li huma taħt limiti ta' eżenzjoni stipulati fl-Artikolu 3 u fl-Anness I għad-Direttiva tal-Kunsill 96/29/Euratom tat-13 ta' Mejju 1996 li tistabilixxi *standards* bażiċi ta' sigurtà għall-ħarsien tas-saħħa tal-ħaddiem u l-pubbliku ġenerali kontra l-perikli li jiġu minn radjazzjoni jonizzanti,

- *capacitors* tal-elottroliti li fihom sustanzi preokkupanti (għoli > 25mm, dijametru > 25mm jew volum proporzjonalment simili).

Dawn is-sustanzi, it-taħlitiet u l-komponenti għandhom jintremew jew jiġu rkuprati f'konformità mar-Regolamenti dwar l-Iskart (L.S. 504.37).

2. Il-komponenti li ġejjin tal-WEEE li jingabru separatament għandhom jiġu ttratati kif indikat:

- tubi tal-*cathode-ray*: il-kisi florexxneti jrid jitneħħa,

- tagħmir li fih gassijiet li jnaqqsu s-saff tal-ożonu jew għandhom potenzjal ta' tisħin globali (GWP) ogħla minn 15, bħal dawk li jkun hemm fil-fowm u ċ-ċirkwiti tar-refriġerazzjoni: il-gassijiet għandhom jiġu estratti u ttrattati kif suppost. Il-gassijiet li jnaqqsu s-saff tal-ożonu għandhom jiġu ttrattati skont ir-Regolament (KE) Nru 1005/2009,

- bozoz bi skariku tal-gass: il-merkurju għandu jitneħħa.

3. Filwaqt li jitqiesu l-kunsiderazzjonijiet ambjentali u possibilment issir preparazzjoni għall-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ, il-punti 1 u 2 għandhom jiġu applikati b'mod li ma tkunx imfixkla l-preparazzjoni favorevoli għall-ambjent għall-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ ta' kompetenti jew tagħmir sħiħ.

Skeda 8

(Regolament 8)

Rekwiżiti tekniċi skont ir-regolament 8(3)

1. Siti għall-ħażna (inkluża l-ħażna temporanja) tal-WEEE qabel it-trattament tiegħu (mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti tad-Direttiva 1999/31/KE tas-26 ta' April 1999 dwar ir-rimi ta' skart f'terraferma):

- superfiċji impermeabbli għal żoni xierqa bil-provdiment ta' faċilitajiet ta' ġbir ta' tixrid u, fejn xieraq, reċipjenti tal-ħġieġ u oġġetti li jnaddfu u jneħħu ż-żejt,

- għata kontra l-elementi tat-temp għal żoni xierqa.

2. Siti għat-trattament tal-WEEE:

- imwieżen biex jitkejjel il-piż tal-iskart trattat,

- superfiċji impermeabbli u għatat kontra l-elementi tat-temp għal żoni xierqa bil-provdiment ta' faċilitajiet ta' ġbir ta' tixrid u fejn xieraq, reċipjenti tal-ħġieġ u oġġetti li jnaddfu u jneħħu ż-żejt,

- ħżin xieraq għal *spare parts* żarmati,

- konteniuri xierqa għall-ħażna ta' batteriji, PCBs/ PCTs li jkun fihom *capacitors* u skart perikoluż ieħor bħal skart radjuattiv,

- tagħmir għat-trattament tal-ilma f'konformità mar-regolamenti dwar is-saħħa u l-ambjent.

Skeda 9

(Regolament 16)

Tagħrif li għandu jkun fl-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni u r-rappurtar tal-produttur msemmi fir-regolament 16

A. Tagħrif li għandu jiġi ppreżentat mar-reġistrazzjoni:

1. Isem u indirizz tal-produttur jew tar-rappreżentant awtorizzat fejn maħtur taħt ir-regolament 16 (kodiċi postali u post, isem tat-triq u numru, il-pajjiż, in-numru tat-telefown u tal-faks, l-indirizz tal-posta elettronika, kif ukoll persuna ta' kuntatt). Fil-każ ta' rappreżentant awtorizzat kif imfisser fir-regolament 16, għandhom jissemmew ukoll id-dettalji ta' kuntatt tal-produttur li qed jiġi rappreżentat. Meta l-produttur mhuwiex kumpannija, id-dettalji għandhom ikunu tal-post prinċipali tan-negozju. L-isem tan-negozju għandu jiġu pprovdut jekk hu differenti minn dak imsemmi hawn fuq.

2. Kodiċi ta' identifikazzjoni nazzjonali tal-produttur, inkluż in-numru nazzjonali tal-VAT, il-kodiċi NACE, in-numru tar-reġistrazzjoni tal-kumpannija u l-firxa tan-numru ta' ħaddiema (1-9, 10-29, 30-49, 50-99, 100-149, 150-249, 250-499, 500+), fejn applikabbli.

3. Kategorija ta' EEE elenkata fl-iSkedi I jew III, skont il-każ.

4. Tip ta' EEE (domestiku jew għajr tagħmir domestiku).

5. Isem tal-marka ta' EEE.

6. Tagħrif dwar:

(a) jekk il-produttur huwiex jirrispetta jew għandux l-intenzjoni li jirrispetta r-responsabbiltajiet tiegħu skont dawn ir-regolamenti, individwalment jew kollettivament, u;

(b) jekk kollettivament:

- l-isem tal-iskema awtorizzata ta' konformità tal-iskart ta' tagħmir elettriku u elettroniku li l-produttur huwa membru tagħha;

- l-isem tal-operatur tal-iskema awtorizzata ta' konformità tal-iskart ta' tagħmir elettriku u elettroniku; u

- l-indirizz u n-numru tat-telefown tal-uffiċċju rreġistrat tal-operatur tal-iskema awtorizzata ta' konformità tal-iskart ta' tagħmir elettriku u elettroniku jew, jekk il-kumpannija mhijiex irreġistrata f'Malta, il-post prinċipali ta' negozju u n-numru ta-telefown tal-operatur tal-iskema awtorizzata ta' konformità tal-iskart ta' tagħmir elettriku u elettroniku f'Malta.

7. Tagħrif dwar il-garanzija finanzjarja

8. Teknika ta' bejgħ użata (eż. Bejgħ mill-bogħod)

9. Dikjarazzjoni ffirmata li t-tagħrif ipprovdut huwa veru u l-isem u t-titlu tal-firmatarju tad-dikjarazzjoni.

10. Id-data tal-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni.

B. Tagħrif li għandu jiġi ppreżentat għar-rappurtar:

1. Kodiċi ta' identifikazzjoni nazzjonali tal-produttur.

2. Il-perjodu ta' rappurtar.

3. Kategorja ta' EEE elenkata fl-iSkedi I jew III, skont il-każ.

4. Kwantità ta' EEE li jitqiegħed fis-suq nazzjonali skont il-piż, u l-kategorija.

5. Kwantità, skont il-piż, ta' skart ta' EEE miġbur separatament, riċiklat (inkluż dak preparat għall-użu mill-ġdid),

irkuprat u mormi fl-Istat Membru jew li jinġarr ġewwa jew barra mill-Unjoni, skont il-kategorija.

Skeda 10

(Regolament 16)

Reġistru Pubbliku

L-informazzjoni li ġejja għandha tkun elenkata fir-reġistru b'rabta ma' produttur li l-applikazzjoni tiegħu għar-reġistrazzjoni ġiet ipproċessata mill-awtorità kompetenti skont ir-regolament 16.

1. L-isem tal-produttur u kull isem tal-marka kummerċjali li l-produttur jopera fiha f'Malta.

2. L-indirizz postali sħiħ (inkluż il-kodiċi postali) u n-numru tat-telefown ta':

- l-uffiċċju rreġistrat tal-produttur; jew

- jekk il-produttur mhuwiex kumpannija rreġistrata f'Malta, il-post prinċipali ta' negozju tal-produttur f'Malta.

3. Informazzjoni dwar jekk il-produttur jirrispettax ir-responsabbiltajiet skont dawn ir-regolamenti, individwalment jew kollettivament.

4. In-numru ta' reġistrazzjoni tal-produttur.

5. Dikjarazzjoni kull sena dwar jekk il-produttur irrispettax l-obbligi tiegħu skont ir-regolament 23, biex jipprovdi dikjarazzjoni ta' konformità.

B 2460

Skeda 11

(Regolament 17)

Dikjarazzjoni ta’ Prokura bil-Miktub

L-isem tal-Kumpannija .....

L-indirizz .....
.....
.....

Hawnhekk jaħtar

Isem .....

Indirizz .....
.....
.....

bħala r-rappreżentant awtorizzat tal-Kumpanija f’Malta skont ir-regolament 17.

Din il-prokura hija għall-kategoriji li ġejjin:

.....
.....
.....

(L-ISEM TAR-RAPPREŻENTANT AWTORIZZAT) .... hawnhekk jirrappreżenta u jassumi r-responsabbiltajiet bħala r-rappreżentant għal (ISEM TAL-KUMPANNIJA) ..... f’Malta, skont ir-Regolamenti dwar l-Immaniġġjar tal-iSkart (Tagħmir Elettriku u Elettroniku).

Din il-prokura, iffirmata miż-żewġ partijiet, tidħol fis-seħħ fid-data tal-iffirmar sakemm ma jkunx iddikjarat mod ieħor, u tintemm ladarba waħda mill-partijiet tinforma lill-awtorità kompetenti f’Malta li timmaniġġja r-reġistru nazzjonali li din il-prokura ntemmet.

Minn naħa l-waħda,

L-ISEM TAL-PRODUTTUR .....

FIRMA .....

DATA .....

Mill-parti l-oħra,

L-ISEM TAR-RAPPREŻENTANT AWTORIZZAT .....

FIRMA .....

DATA .....

Skeda 12

(Regolament 16)

Skeda ta' Miżati għar-Reġistrazzjoni bħala Produttur

Kategorija ta' Attività	Miżata (€)
Reġistrazzjoni *online* għal produtturi ta' tagħmir elettriku u elettroniku	10
Reġistrazzjoni manwali għal produtturi ta' tagħmir elettriku u elettroniku	35
